Għeżież Edukaturi,

**Linji Gwidi għall-Edukaturi – Elezzjonijiet tal-Kunsilli Skolastiċi**

Il-parteċipazzjoni tiegħek tagħmel differenza! Id-dedikazzjoni u x-xogħol eċċellenti tal-membri preċedenti tal-Kunsill Skolastiku ħallew impatt pożittiv fit-tul fuq il-komunità skolastika tagħna. Inħeġġu lill-edukaturi biex jipparteċipaw b'mod attiv f'dawn l-elezzjonijiet billi joffru servizz volontarju bħala Membri tal-Kunsill Skolastiku.

Il-Kunsill skolastiku jikkonsisti minn:

- **President** – nominat mill-Ministru għall-Edukazzjoni
- **Segretarju/Teżorier** - il-Kap tal-Iskola
- **Tliet rappreżentanti** eletti minn fost l-edukaturi tal-iskola
- **Tliet rappreżentanti** eletti minn fost il-ġenituri/kustodji tal-istudenti li jattendu l-iskola.

**Ir-responsabbiltajiet tal-Kunsill skolastiku jinkludu:**

- L-amministrazzjoni tal-fondi tal-Kunsill Skolastiku
- Diskussjoni dwar modi kif jiżdied l-involviment tal-ġenituri
- Reviżjoni tal-kurrikulu u s-servizzi edukattivi li toffri l-iskola
- Diskussjoni li twassal għal suġġerimenti lid-Direttorati tal-Edukazzjoni
- Proposti għal titjib tar-riżorsi fiżiċi u l-ambjent tal-iskola
- Suġġerimenti dwar il-benesseri tal-istudenti

**Dati importanti:**

| | |
|---|---|
| Id-data ta' meta jiftħu n-nominazzjonijiet onlajn | 7 ta' Jannar 2025 |
| Id-data ta' meta jagħlqu n-nominazzjonijiet | 13 ta' Jannar 2025 |
| Id-data ta' meta tiftaħ il-votazzjoni onlajn | 24 ta' Jannar 2025 |
| Id-data ta' meta tagħlaq il-votazzjoni onlajn | 28 ta' Jannar 2025 |

**Nominazzjonijiet**

1. Biex tinnomina:
   - Aċċessa s-sit: https://education.gov.mt/useful-links/school-council-elections/
   - Agħfas fuq nominazzjoni tal-ġenitur
   - Meta wieħed jaċċessa formola ġdida, id-dettalji tal-proponent jimtlew awtomatikament permezz tal-eID. Il-proponent huwa responsabbli li jdaħħal id-dettalji tal-persuna nominata u tas-Sekondant, inkluż isimhom, kunjomhom, in-numru tal-Karta tal-ID, u l-indirizz tal-email.
   - Huwa importanti għall-proponent li jkollu dawn id-dettalji lesti biex jimla l-formola.

- Ladarba l-formola tiġi sottomessa:
  - Il-persuna nominata tirċievi email b'link biex tapprova jew tirrifjuta n-nomina.
  - Jekk il-persuna nominata tapprova, is-Sekondant imbagħad jirċievi email biex japprova jew jirrifjuta l-persuna nominata.
  - Jekk kemm il-persuna nominata kif ukoll is-Sekondant japprovaw, il-persuna nominata tiġi aċċettata uffiċjalment bħala kandidat/a.

**Votazzjoni**

1. Kull ġenitur/kustodju se jirċievi kodiċi tal-vot uniku.
2. Jiġu eletti l-ewwel tliet kandidati li jiksbu l-akbar ammont ta' voti.
3. Tista' tagħżel sa tliet (3) kandidati ġenituri/kustodji minn dawk nominati.
4. Biex tivvota:
   - Aċċessa s-sit https://education.gov.mt/useful-links/school-council-elections/
   - Agħfas fuq **Parent Voting**
   - Agħżel l-iskola rispettiva tiegħek
   - Agħżel sa tliet kandidati mil-lista li tkun qed tidher
   - Daħħal il-kodiċi uniku tiegħek
   - Ikkonferma billi tagħfas **Vote**

Il-Kapijiet tal-iskejjel flimkien mad-Deputati Kapijiet u persuni oħra fit-Tmexxija tal-iskola huma mfakkra li l-Kunsill Skolastiku huwa parti essenzjali u integrali mill-proċess demokratiku tal-iskola, u għaldaqstant biex dan iseħħ iridu jassiguraw:

1. Tisħiħ tal-għarfien dwar is-sinifikat u l-importanza tal-Kunsill Skolastiku.

2. Jinkoraġġixxu ħafna edukaturi u ġenituri/kustodji biex jipparteċipaw fil-proċess tal-elezzjoni.

3. Jaraw li l-kandidati kollha jkollhom sehem fi ħdan il-Kunsill Skolastiku.

4. Jassistu lill-ġenituri/kustodji li jkollhom xi diffikultajiet biex jinnominaw jew biex jivvutaw onlajn.

5. F'każ ta' riżenja, tingħażel il-persuna li tkun ġabel l-aktar voti u li allura jkun imissha tkun eletta skont ir-riżultat tal-elezzjoni.

6. F'każ li n-numru ta' nominazzjonijiet ikunu baxxi huwa important li l-iskola tgħin biex issib edukaturi u/jew ġenituri/kustodji biex ikunu co-opted għall-Kunsill Skolastiku.

7. Edukaturi fuq maternity/parental leave huma eliġibbli biex jivvutaw.

8. L-għalliema peripatetic huma eliġibli biex jivvutaw.

9. Edukaturi tal-Kindergarten u Learning Support Educators relievers huma eliġibli li jivvutaw biss fl-iskola li prinċiparjament jappartjenu għaliha (home School).

10. Il-Kapijiet tal-iskejjel flimkien mad-Deputati Kapijiet u persuni oħra fit-Tmexxija tal-iskola ma jistgħux ikunu kandidati huma stess.

Nota: l-elezzjonijiet se jsiru biss fi skejjel fejn jintefgħu aktar minn tliet (3) nominazzjonijiet.